**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 04 IT-TNEJN 4 TA' ĠUNJU 2012**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tnejn 04 ta' Ġunju 2012 fis-7.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Disgħa Kunsilliera)**

Ralph Puli, Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Bjorn Azzopardi, Robert Reno Cremona, Jason Busuttil, Carmel Farrugia, Jerome Caruana Cilia, u Sean Meli.

**SKUŻATI**

Margaret Mercieca, Antoine Saliba

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba.

**04/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 03**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 03 li nżammet nhar it-Tnejn 7 ta' Mejju 2012, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Sean Meli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur id-Disa' Kunsilliera (9) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 03 ġew approvati unanimament** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**04/02** **MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**04/02/01** **Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-kumpanija Green MT ħallset l-ammont dovut sal-31 ta' Diċembru 2011 ta' €15,870 skont kif stipulat fil-kuntratt. Green MT urew ix-xewqa li dawn il-flus jiġu użati għall-inizjattivi ambjentali.

**04/02/02** **Is-Sindku** għamlet riferenza għal premju Għarfien il-Ħila, fejn ġiet infurmata minn uffiċjali tal-Qormi Hockey Club li kienu iffastidjati li dawn ma ingħatawx dan il-premju. Is-Sindku spjegat li din l-għaqda ngħatat premju speċjali tas-suċċess li kisbu matul l-istaġun, u li ma ngħatawx Għarfien il-Ħila peress li diġa ngħataw dan il-premju fis-snin preċedenti.

**04/03** **PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' MEJJU 2012**

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Mejju 2012, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-4'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Mejju 2012
**b)** *Bank Payments* Mejju 2012
**c)** *Petty Cash* Mejju 2012

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda.

**Ivvutaw Favur id-Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**04/04** **MOZZJONIJIET**

**04/04/01** **MOZZJONI 18/2012(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni Nru18/2012 (VI).

"Nipproponi li l-Kunsill japprova l-ħatra ta' Bord biex jirrikmanda dwar l-offerti ta:
a) Titjib tal-Bandli eżistenti f'Ħal Qormi
b) Manutenzjoni u Bini ta' Bankini (Kerbs and Footways)
c) Żamma u Tindif ta' Ġonna u Soft Areas
d) Servizz ta' *Qualified Accountant*

Il-Bord għall-offerta "Titjib tal-Bandli eżistenti f'Ħal Qormi" ikun magħmul mis-Sindku Rosianne Cutajar, il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina, u l-Kunsilliera Ralph Puli, Antoine Saliba, Margaret Mercieca u l-perit William Lewis.

Il-Bord għall-offerta "Manutenzjoni u Bini ta' Bankini" ikun magħmul mis-Sindku Rosianne Cutajar, il-Viċi Sindku Jesmond Aquilina u l-Kunsilliera Ralph Puli u Sean Meli, u l-perit William Lewis.

Il-Bord għall-offerta "Tindif u Manutenzjoni tal-Ġonna Pubbliċi u *Soft Areas"* ikun magħmul mis-Sindku Rosianne Cutajar , il-Viċi Sindku Jesmond Aquilina u l-Kunsilliera Ralph Puli u Charles Farrugia.

Il-Bord għall-offerta "Servizz ta' Qualified Accountant" ikun magħmul mis-Sindku Rosianne Cutajar, il-Viċi Sindku Jesmond Aquilina u l-Kunsilliera Ralph Puli u Bjorn Azzopardi"

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopradi** ssekonda il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur id-Disa' (9) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 18/2012 (VI).**

**04/04/02 MOZZJONI NRU 19/2012(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** talbet lill-**Kunsillier Jason Busuttil** sabiex iressaq il-mozzjoni Nru19/2012 (VI).

**Il- Kunsillier Jason Busuttil** ressaq il-mozzjoni :-

"Nipproponi biex il-Kunsill Lokali Ħal Qormi neħħi għal kollox il-parkeġġ li hemm fin-nofs ta' Pjazza San Frangisk peress :-

Aktar minn Pjazza bi spazju miftuħ din spiċċat f'parkeġġ;.

Hija ħasra kbira li l-unika pjazza li hemm fin-naħa ta' San Ġorġ spiċċat mimlija karrozzi u inġenji oħra tas-sewqan f'kull ħin tal-ġurnata,

Bil-parkeġġ tal-vetturi lanqas biss jitħalla aċċess denju biex tinżel lejn in-naħa ta' San Sebastjan fejn wkoll bosta drabi qed joħloq problemi lit-Trasport Pubbliku biex jgħaddi mingħajr diffikulta'.

Nipproponi biex jitħalla biss il-parkeġġ li hemm fil-ġenb minħabba ir-residenti. Bħala alternattiva għall-parkeġġ li ser jintilef min-nofs il-Pjazza wieħed jista' jipparkja fit-triq tal-wied.

Nipproponi wkoll li ngħidu lill-perit tal-Kunsill jagħtina stima ta' tisbiħ ta' din il- Pjazza kif jixraqilha billi ssir funtana moderna bħalma hemm fi Pjazza San Ġorg, il-Belt Valletta u f'ħafna postijiet oħrajn, u billi tiġi installata għamara tat-triq u xtieli li jkunu jistgħu jiċċaqalqu meta jkun hemm xi attivita.

Finalment nipproponi biex il-Kunsill jagħmel studju biex issir evalwazzjoni ta' kif jista' ntejjbu it-traffiku f'din iż-zona."

Fid-diskussjoni ta' din il-mozzjoni, il-Kunsillier Ralph Puli ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn li ssir konsultazzjoni mar-residenti qabel jimplimenta tali deċiżjoni. Il-Kunsillier Jason Busuttil kompla li l-konsultazzjoni għandha tkun mifruxa anke fuq l-għaqdiet filwaqt li għandu jibda studju dwar x'tisbiħ jista' jsir. Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi sostna li wieħed għandu jenfasizza fuq l-infurzar tar-regolamenti tat-traffiku.

Fid-dawl ta' dan, il-Kunsillier Jason Busuttil ressaq emenda biex l-mozzjoni ssirilha addenda li tgħid "*Il-Kunsill għandu jagħmel kull sforz mal-awtoritajiet biex isir l-infurzar tar-regolamenti tat-traffiku f'din il-Pjazza, u li għandu jagħmel konsultazzjoni mar-residenti, sidien ta' kummerċ u għaqdiet stabbiliti fl-inħawi.*"

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda l-mozzjoni kif emendata.

**Ivvutaw Favur id-Disa' (9) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 19/2012 (VI) kif emendata.**

**04/04/03 MOZZJONI NRU 20/2012(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** talbet lill-**Kunsillier Jason Busuttil** sabiex iressaq il-mozzjoni Nru 20/2012 (VI).

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** ressaq il-mozzjoni :-

'Nipproponi li s-Sibt u l-Ħadd fit-23-24 ta Ġunju u s-Sibt u l-Ħadd 14-15 ta' Lulju, il-Kunsill jieħu ħsieb li jkun hemm il-preżenza ta' Ambulanza fil-viċinanzi ta' fejn jinħaraq in-Nar, b'dawn il-ħinijiet;

Is-Sibt - Mis-6.30p.m. sal-12.30a.m. u l-Ħadd - Mis-6.30p.m. u l-10.30p.m. L-ispiża għal dan is-servizz hija ta' € 600.'

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ssekondat din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur id-Disa' (09) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 20/2012 (VI).**

**04/04/04 MOZZJONI NRU 21/2012(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** talbet lill-**Kunsillier Sean Meli** sabiex iressaq il-mozzjoni Nru 21/2012 (VI).

"Nipproponi biex faċċata tal-klabb tal-boċċi San Ġorġ jitwaħħlu żewġ bankijiet tal-istess tip bħalma hemm fl-istess akkwata, sabiex l-anzjani li joqogħdu u jiffrekwentaw din iż-żona jkunu jistgħu joqogħdu bilqegħda għad-dell tas-siġar."

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ssekonda il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa' (9) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 21/2012 (VI).**

**04/04/05 MOZZJONI NRU 22/2012(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni :-

"Wara d-deċizjoni tal-Bord tal-Appelli fejn il-Kunsill gie mitlub biex jerga' jagħmel evalwazzjoni tal-offerti, nipproponi biex il-Kunsill japprova l-ħatra ta' Bord biex jirrikmanda dwar l-offerti tas-Servizz ta' Ġbir ta' Skart Goff. **DOK B**

Il-Bord ikun magħmul mis-Sindku Rosianne Cutajar , il-Viċi Sindku Jesmond Aquilina u l-Kunsilliera Ralph Puli u Charles Farrugia.

Nipproponi wkoll biex għall-kwotazzjonijiet tal-Korsijiet tal-Kompjuter jinħatar Bord tal-Għażla li jkun magħmul mis-Sindku Rosianne Cutajar , il-Viċi Sindku Jesmond Aquilina u l-Kunsilliera Ralph Puli, Bjorn Azzopardi u Robert Cremona."

**Il-Kunsillier Sean Meli** ssekonda il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur id-Disa' (09) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota

kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 22/2012 (VI).**

**04/04/06 MOZZJONI NRU 23/2012 (VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** talbet lill-**Kunsillier Bjorn Azzopardi** sabiex iressaq il-mozzjoni Nru 23/2012 (VI).

**Librerija Lokali**

"Wara żjara fil-librerija lokali nhar is-Sibt 26 ta' Mejju 2012 ġew innutati diversi nuqqasijiet. Fid-dawl li l-Kunsill Lokali jifhem l-importanza tal-edukazzjoni u sabiex ikollna librerija lokali isbaħ u aktar professjonali nipproponi li ġej:

1. Titwaħħal tabella li tindika li hemm librerija lokali li tinkludi l-ħinijiet tal-ftuħ.
2. Jinġiebu kwotazzjonijiet għal *desk ġ*did għall-librar
3. Jinġiebu kwotazzjonijiet għall-fannijiet jew arja kkundizzjonata. Bħalissa hemm biss fann wieħed fuq id-desk tal-librar.
4. Jinġiebu kwotazzjonijiet għall-installazzjoni ta' xi għamara ġdida (u li din l-aħjar tiġi diskussa mal-librar innifsu) mingħajr ma titkisser jew tintrema għamara li hemm preżenti.
5. Jinxtraw kotba ġodda liema ammont ma jeccedix il-Eur500. L-aħħar xiri ta' kotba li saret mill-Kunsill Lokali (apparti l-kotba li jingħataw mill-iskema tal-Gvern ċentrali) kienet fis-sena 2009.

**Librerija reġjonali**

Wara żjara fil-librerija reġjonali nhar is-Sibt 26 ta' Mejju 2012 ġew innutati diversi nuqqasijiet. Fid-dawl li l-Kunsill Lokali jifhem l-importanza tal-edukazzjoni u sabiex ikollna librerija lokali isbaħ u aktar professjonali nipproponi li ġej:

1. Titwaħħal tabella li tindika li hemm librerija reġjonali li tinkludi l-ħinijiet tal-ftuħ.
2. Jinġiebu kwotazzjonijiet sabiex jinbidlu l-imwejjed u s-siġġijiet li huma pjuttost antiki u ma jikkumplimentawx il-kumplament tal-għamara li teżisti li hija moderna u fi stat tajjeb.

3. Jinġiebu kwotazzjonijiet sabiex jinbidlu l-inkwadri edukattivi li hemm imwaħħlin mal-ħajt huma pjuttost antiki, black and white, u li ma jikkumplimentawx l-istat modern tal-librerija. Dawn jistgħu jinbidlu ma' kwadri aktar moderni forsi b'karattri tat-tfal li jagħmlu lill-librerija aktar attirabbli għat-tfal.

4. Toħroġ sejħa għall-offerti jew jinġiebu kwotazzjonijiet għal kirja ta' *photocopier*."

**Il-Kunsillier Robert Cremona** ssekonda il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur id-Disa' (09) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 23/2012 (VI), liema rizoluzzjoni għandha tkun issinkronizzata mal-proġett imressaq mill-Kunsill taż-Żgħażagħ dwar il-libreriji.**

**04/04/07 MOZZJONI NRU 24/2012 (VI)**

"Nipproponi li l-persuni pproponuti hawn taħt ikunu parti mill-Kumitat tal-Proġetti ppresedut minni bħala *Chairperson* :

Luckie Darmanin
Saviour Agius
Renald Falzon
Marvin Zammit
William Lewis (perit tal-Kunsill)

Nipproponi l-approvazzjoni tal-Kunsill biex dawn il-persuni jkunu membri fil-Kumitat ta' Proġetti Infrastrutturali."

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ssekondat din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa' (09) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 24/2012 (VI). F'dan il-Kumitat hemm ukoll il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina bħala Chairperson, is-Sindku Rosianne Cutajar bħala Vici-Chairperson u l-Kunsillier Ralph Puli, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill.**

Fit-08.05 pm Il-Kunsillier Robert Cremona talab li jkun skużat minħabba impenji ta' xogħol.

**04/05 RAPPORTI**

**04/05/01 RAPPORT TAL-BORD DWAR l-OFFERTI GĦALL-KUNTRATT TA' SERVIZZI MINN BANED**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** ressaq id-dokument Rapport tal-Bord dwar l-offerti għall-Kuntratt ta’ Servizzi minn Baned, li kien jikkonsisti f’dan li ġej:

“Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar Ġimgħa 9 ta’ Marzu, kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 7 ta’ Marzu, liema sejħa għalqet nhar il-Erbgha, 28 ta' Marzu 2012 fl-10.00am.

Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fit-28 ta’ Marzu 2012, mis-Segretarju Eżekuttiv John Farrugia, fil-preżenza tas-Sindku Jesmond Aquilina u tal-Kunsillier Jason Busuttil.

Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva tliet (3) offerti;

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Għaqda Mużikali San Gorg Martri | € 10,000 fuq tlett snin |
| 2. | Soċjeta’ Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan | € 10,000 fuq tlett snin |
| 3. | Għaqda Soċjo-Mużikali Aniċi | € 10,000 fuq tlett snin |

Il-Bord, kompost mis-Sindku Rosianne Cutajar, mill-Viċi Sindku Jesmond Aquilina, u mill-Kunsilliera Ralph Puli u Jason Busuttil, kif imwaqqaf fis-Seduta numru 3 ta' nhar it-Tnejn 7 ta' Mejju 2012, ltaqa’ biex jiddiskuti dawn l-offerti.

Fl-offerti fuq elenkati il-Bord ikkonferma li t-tlett offerti huma konformi mal-kundizzjonijiet u rekweżiti skont kif elenkati fis-sejħa. Kull offerent għandu jipprovdi proposta dwar l-Iskola ta’ Mużika.

Peress li t-tliet offerti huma identiċi, il-Bord jirrakkomanda biex jiġu magħżula it-tliet offerti, u s-servizzi elenkati jiġu mqassma fuq tliet snin b’roster bejn it-tliet baned. L-ammont pagabbli lil kull offerent huwa ta’ Eur10,000 fuq perjodu ta’ tlett snin.”

**Is-Sindku ressqet għall-approvazzjoni biex il-Kunsill jesegwixxi ir-rakkomondazzjoni tal-Bord.**

**Il-Viċi Sindku Jesmond Aquilina issekonda.**

**Il-Kunsill unanimament approva r-rakkomandazzjoni tal-Bord**.

**04/05/02 DOKUMENT TAL-OFFERTA – SUPPLY AND INSTALLATION OF PLAYING FIELD EQUIPMENT**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** ressaq l-abbozz tad-dokument tal-offerta *Supply and Installation of Playing Field Equipment* li kien iċċirkulat u li ittieħed bħala moqri. **DOK 'C'**

**Il-Kunsill approva *nem.con* id-dokument tal-offerta biex is-sejħa tista' tiġi ppublikata fil-jiem li ġejjin.**

**04/06 KORRISPONDENZA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'D 1-9'**

1. Talbiet għall-Bollards –
   4, Triq Santu Rokku;
   155, Triq San Bartilmew,
   83 Triq Santa Katerina

   Il-Kunsill iddeċieda b'mod unanimu biex dawn it-talbiet jiġu approvati peress li huma konformi mal-*policy* tal-Kunsill, iżda li jridu jitressqu lil Transport Malta għall-approvazzjoni.

2. Korrispondenza dwar opportunita' ta' fondi mill-Unjoni Ewropea taħt il-programm ESF sabiex isir programm ta' taħriġ indirizzat lin-nisa ħalli jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Il-Kunsill approva *nem.con* li japplika għal dan il-proġett bħala *partner* flimkien ma' numru ta' Kunsilli Lokali oħrajn, fejn il-*co-financing* tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi ma teċċedix is-somma ta' €3,000.

3. Korrispondenza mill-perit tal-Kunsill dwar proposti ta' *Un/loading Bays* fi Triq l-Imdina, Triq il-Vitorja u Triq San Bartilimew. Il-Kunsill approva dawn il-proposti u għandha tintalab l-approvazzjoni tat-Transport Malta.

4. Proposta minn International Tree Foundation sabiex grupp folkloristiku barrani jipparteċipa fil-festa ta' San Bastjan. Peress li l-programm tal-festa huwa mimli, il-Kunsill ma aċċettax din il-proposta.

5. Petizzjoni dwar installazzjoni ta' *traffic calmer/speed hump*, fi Triq tal-Ħlas, il-Kunsill għandu jitlob il-parir tal-perit tal-Kunsill dwar is-sit u jikseb l-kunsens tar-residenti qabel ma' tiġi approvata din it-talba.

**04/07 INFORMAZZJONI**

**04/07/01** Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi nforma lill-Kunsill li ser tintbaghat ittra lir-residenti fil-periferiji tal-lokalita' sabiex jiġu mistiedna jinnominaw ruħhom biex jidħlu fis-sotto-kumitat tal-periferiji.

**04/08 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 2 ta' Lulju 2012 fis-7:00 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fid-9:15 ta' fil-għaxija.

Rosianne Cutajar
Sindku

Kenneth Brincat
Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2012.
(Jum) (Data) (Xahar)